**Minuti tal-456 laqgħa tal-Kunsill li saret
nhar it-Tnejn 16 ta' Novembru, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius (is-Sway), is-Sur Joseph Vella, is-Sur John J Pace u s-Sur Brian Spiteri.

Is-Sur Mark Grech talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech jiġi skużat.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil, daħlet għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tminn paragrafu ta' paġna 322 u minflok il-kliem "Is-Sur John J Pace ssuġerixxa" jidħol il-kliem "Is-Sur John J Pace ressaq suġġeriment li sarlu fuq il-programm 'Kunsill Lokali Live' fuq Radju Hompesch".

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-għaxar paragrafu ta' paġna 322 u minflok il-kliem "Is-Sur John J Pace ssuġerixxa" jidħol il-kliem "Is-Sur John J Pace tkellem dwar ilment li sar waqt il-programm 'Kunsill Lokali Live' fuq Radju Hompesch".

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-ewwel paragrafu ta' paġna 323 u minflok il-kliem "Is-Sur John J Pace ssuġerixxa" jidħol il-kliem "Is-Sur John J Pace semma talba li saritlu fuq il-programm 'Kunsill Lokali Live' fuq Radju Hompesch".

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (is-Sway) li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku is-Sur Domenic Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħames paragrafu ta' paġna 322 u minflok il-kliem "ma jaqsmux minn Triq il-Kapuċċini għal Triq ix-Xgħajra" jidħol il-kliem "ma jaqsmux minn Triq ix-Xgħajra għal Triq il-Kapuċċini".

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil, daħlet għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li l-minuti tal-455 laqgħa jiġu unanimament approvati kif emendati.

Item3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur John J Pace talab sabiex isir *follow up* tal-ilmenti u s-suġġerimenti li kienu saru matul il-programm fuq Radju Hompesch.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħafna drabi kien qed isib diffikulta sabiex isib Kunsillieri li jkunu lesti li jattendu għall-programm 'Kunsill Lokali *Live*' fuq Radju Hompesch.

Is-Sindku qal illi l-programm 'Kunsill Lokali *Live*' fuq Radju Hompesch kellu jsir darba fix-xahar u meta tkun ser tiġi organizzata attività mill-Kunsill, il-Kunsillier responsabbli mill-attività jingħata prominenza sabiex jattendi għall-programm u ma kellux ikun hemm interventi mill-pubbliku.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienetx intbagħatet il-korrispondenza lil Transport Malta relatata mat-talba ta' Dr. Roselyn Borg f'isem is-Sinjura Grace Zahra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien talab linji gwida sabiex ikun jaf x'inhi il-*policy* ta' Transport Malta.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitat.

Item 5 - Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Moviment Kerygma sabiex il-Kunsill jinnomina żagħżugħ jew żagħżugħa għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2015. Il-premju hu miftuħ għal dawk iż-żgħażagħ kollha li juru sens kbir ta' mpenn fil-ħajja nisranija ta' kuljum.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Gal Xlokk fejn il-Kunsill intalab iġedded is-sħubija tiegħu fil-GAL Xlokk li jkopri l-programm 2014-2020 u jkun jista' jibbenefika minn miżuri u skemi finanzjarji fit-territorju tagħhom. Il-ħlas tas-sħubija għal kull Kunsill Lokali huwa ta' €500 għal kull Kunsillier. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded din is-sħubija tal-GAL Xlokk

b'hekk ikun jista' jibbenefika minn fondi u għajnuna oħra taħt il-*Leader Programme*. Il-ħlas ta' sħubija ser tkun ta' €5500.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta dwar talba li saret lil Transport Malta sabiex titwaħħal *crash barrier* fi Triq Wied il-Għajn faċċata ta' Triq il-Kappar minħabba numru ta' inċidenti li kienu qed isiru f'dan il-post. Peress illi l-bankina m'hix wiesgħa biżżejjed Transport Malta nfurmat lill-Kunsill illi l-*crash barrier* tista' ssir biss jekk il-Kunsill jikkonsidra li titwessa' l-bankina. Is-Sindku qal illi dwar dan l-ilment kien ser jagħmel kuntatt ma' Transport Malta.

Inqrat stedina mibgħuta mill-Kanonku Evan Caruana għall-festa ta' Kristu Re' li ser issir nhar il-Ħadd 22 ta' Novembru, 2015 fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f' Ħaż-Żabbar.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal Memo 29/2015 mibgħuta mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar eżerċizzju li kien qed isir sabiex jitjieb ir-riżors uman fil-Kumitati Reġjonali u fil-Kunsilli Lokali u qal illi l-Kunsill kien ġie assenjat l-parteċipanta għall-*job placement.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar u l-Ambjent fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-estenzjoni għal-*completion date* tad-29 ta' Frar 2016 sabiex jitlesta xogħol ta' titjib fil-*playing field* 'Ġnien il-Kunsill' ġiet approvata.

Inqrat ittra ta' ringrazzjament mibgħuta minn Valletta 2018 Reġjun Xlokk għall-appoġġ li l-Kunsill kien qed jagħti lill-ħidma tal-Fondazzjoni Valletta 2018 fir-rigward tal-Koordinatur Reġjonali Xlokk, is-Sur Emanuel Vella, li kien qed jopera mill-uffiċju tal-Kunsill mingħajr spejjeż żejda għall-Fondazzjoni.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill petizzjoni ffirmata minn residenti sabiex issir bankina fi Triq Wied il-Għajn minn fejn jibdew l-għelieqi sa fejn it-telgħa taż-Żonqor.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel sabiex tiġi organizzata attività bil-kollaborazjoni tal-Kunsill b'rabta mal-Milied f'Misraħ is-Sliem u t-toroq tal-madwar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata din l-attività flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża m'għandhiex tkun aktar minn €1,164.

Inqrat *Memo* 30/2015 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna finanzjarja li ser tingħata lill-Kunsill mill-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2016. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attivita' *Zabbar Arts and Music Festival.*

Is-Sur Brian Spiteri rrefera għall-ħlas li kien sar lilu bħala rifużjoni għax-xiri ta' armar u tiżjin li kien inxtara minnu fit-2013 biex jintramaw Triq is-Santwarju u Triq il-Kbira. Is-Sur Spiteri qal illi kien qed jgħaddi lura lill-Kunsill is-somma ta' €690 peress illi s-sidien

tal-ħwienet li kienu ramaw fi Triq is-Santwarju kienu ħallsu għax-xogħol ta' armar li sar is-sena li għaddiet.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Skeda ta' Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mis-16 ta' Ottubru 2015 sas-16 ta' Novembru 2015 li kien jammonta għal €31,513.79.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi estiża għal xahar il-polza ta' assikurazzjoni li l-Kunsill għandu mal-kumpanija Island Insurance Brokers Limited sakemm issir l-aġġudikazzjoni tal-offerti għall-polza ta' assikurazzjoni.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto li talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex iġġedded 67 siegħa mill-*entitlement* ta' *vacation leave* għas-sena 2015 u dawn jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tagħha għas-sena 2016 peress li minħabba esiġenzi ta' xogħol ma kienx possibli għaliha li tagħmel użu sħiħ mis-sigħat ta' *vacation leave*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' t-talba tal-impjegata.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kienu ser isiru l-*interviews* għall-ingaġġ ta' skrivan/a (Skala 15).

Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar – Settembru 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Settembru 2015. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Settembru 2015.

Aġġudikazzjoni għall-offerti għall-*equipment* tal-*playing field* fi 'Ġnien il-Kunsill'.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew mitfugħa għall-*equipment* tal-*playing field* fi 'Ġnien il-Kunsill' (ZLC 10/2015). L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Prezz** |
|---|---|---|
| Alhag Limited | Mimlija u ffirmati | *Option 1* - €133,833.44<br>*Option 2* - €139,741.24<br>*Option 3*- €150,861.94<br>*CCTV Works* - €15,867.24 |
| Projekte Limited | | *Option 1* - €54,512.16 |
| JGC Limited | | *Option 1* - €107,739.57<br>*Option 2* - €60,630.47<br><br>*CCTV Works* - €18,250 |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li qabel tittieħed deċiżjoni finali jsir ir-rapport mill-*Contract Manager* tal-Kunsill il-Perit William Lewis dwar l-offerti li ġew sottomessi.

Aġġudikazzjoni għall-offerti għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 9/2015).

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Prezz** |
|---|---|---|
| WM *Environmental Limited* | Mimlija u ffirmati | €14,800 |
| *Environmental Landscapes Consortium Limited* | Mimlija u ffirmati | €14,000 |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos offerta dik mingħand *Environmental Landscapes Consortium Limited*.

Item 7 - Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius semma l-ħtieġa li tiġi rranġata bankina fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq Alessio Erardi peress illi kienet hierġa l-barra u kienet perikoluża għall-vetturi. Huwa talab ukoll sabiex titneħħa siġra li hemm f'qasrija fi Triq ix-Xgħajra peress illi kienet perikoluża għall-*pedestrians*.

Il-Viċi-Sindku talab sabiex isir *refresh* ta' *reserved parking* tal-banka tal-lottu fi Triq Alessio Erardi kif ukoll sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq Alessio Erardi.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex il-parti ta' Triq iċ-Ċimiterju li tmiss ma' Triq Wied il-Għajn issir *one way*. Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill jiddeċiedi fil-laqgħa li jmiss wara li jsir *traffic management* taż-żona.

Is-Sur Joseph Vella ppropona illi din is-sena s-siġra tal-Milied terġa' tintrama fil-venda ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku ssekonda u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Joseph Vella ssuġerixxa li tiġi organizzata ikla tal-Milied għall-istaff u l-Kunsillieri.

Is-Sindku qara *Memo* 8/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali relatata mal-ikliet u riċevimenti.

Fit-7.40 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat

Is-Sur Brian Spiteri talab sabiex il-*bring-in-sites* li hemm f'Tal-Plier jitbattlu aktar ta' spiss.

Fit-7.45 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex it-tarf tal-bankina li hemm fi Triq ir-Redentur mal-barumbara issir fit-tond biex ma tibqax ta' periklu.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jinżabru s-siġar li hemm fi Triq tal-Labour maġenb il-*bring in sites*.

Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' qal illi meta kienu qed isiru x-xogħlijiet minn Transport Malta sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq tal-Labour, inqala' *dustbin* tal-klieb u baqa' ma twaħħalx. Is-Sur Buttigieg talab ukoll sabiex jitwaħħal *dustbin* tal-klieb ieħor fi Triq tal-Labour fil-viċinanzi ta' Triq Melita.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienet ser issir ħarġa għall-anzjani fis-17 ta' Diċembru, 2015.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex ikun hemm gwardjan lokali aktar ta' spiss fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġużepp peress illi l-vetturi kienu qed jaqsmu *wrong way*.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li jitwaħħal *bus shelter* fi Triq Bormla mal-*istage* bl-isem 'L-Għollieq.'

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jitwaħħal *bus shelter* fi Triq Villabate faċċata ta' tal-Plier.

Is-Sur Joseph Agius qal illi ċerti lmenti li kien ressaq kienu għadhom ma ġewx indirizzati.

Is-Sur Joseph Agius qal illi waqt programm televiżiv intwerew diversi bankini li m'għandhomx rampa għall-persuni b'diżabilità.

Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-bżonn li ssir rampa f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi fil-viċinanzi ta' Triq tal-Labour.

Is-Sur Joseph Agius qal illi s-Sur Holger Saliba kien irringrazzja lill-Kunsill peress illi t-tindif fi Sqaq Nru 1 fi Triq ix-Xgħajra kien qed isir b'mod iktar regolari. Is-Sindku qal illi kien qiegħed f'arranġamenti sabiex jintbgħat *green warden* fl-isqaq.

Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq is-Santwarju kienu qed jinħarġu boroż u kaxxi partikularment faċċata ta' Felice Pharmacy.

Is-Sur Joseph Agius qal illi waqt laqgħa tal-LEAP kien hemm uffiċjali mill-kumpanija *Wasteserv* li offrew li jorganizzaw *talks* edukattivi dwar is-separazzjoni tal-iskart. Is-Sur Agius qal illi waqt il-laqgħa kien hemm ukoll uffiċjali tal-Pulizija li offrew li jagħmlu *shows* bil-klieb jew wirja tal-kavallerija taż-żwiemel u offrew ukoll li l-anzjani jingħataw l-opportunità li jżuru l-mużew tal-kriminalità mingħajr ħlas.

Fit-8.10 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

Is-Sur John J Pace ressaq quddiem il-Kunsill talba li kienet saritlu sabiex issir *road hump* fi Triq Sant' Antnin.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-457 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku